MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 168/2006

***HSBC Bank Malta p.l.c.***

***Versus***

**Nazzareno *sive* Rennie Borg, martu Maria Grazia Borg u binhom Charles *sive* Carmel Borg**

F’din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob titlob l-iżgumbrament tal-konvenuti minn proprjetà – *Grace House* fi Triq Mons. A. Buhagiar, ir-Rabat – li kienet tagħhom iżda li issa qegħdin iżommuha mingħajr titolu wara li l-attriċi kisbitha *sub hasta*.

L-attriċi talbet ukoll illi l-kawża tinqata’ bid-dispensa tas-smigħ, taħt l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iżda, waqt is-seduta tas-26 ta’ Mejju 2006, qablet illi l-konvenuti jitħallew jikkontestaw il-kawża.

Il-konvenuti Maria Grazia Borg u Charles *sive* Carmel Borg ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-attriċi trid tagħmel il-prova li meta kisbet il-proprjetà, meta din inbigħet b'irkant fit-18 ta' Marzu 2004, dan sar kif trid il-liġi u illi t-titolu vantat minnha jiswa; u
2. l-eċċezzjoni ta' eskussjoni taħt l-art. 795 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili billi l-attriċi taf illi l-konvenuti għandhom proprjetajiet oħra li għadhom ipotekati favur tagħha.

B'nota tat-8 t'April 2008 il-konvenuta Maria Grazia Borg ammettiet it-talbiet ta' l-attriċi, u hekk irrinunzjat għall-eċċezzjonijiet.

Il-konvenut l-ieħor, Nazzareno Borg, b'nota tal-15 ta' Ġunju 2006, qal illi hu ilu li ħareġ mill-proprjetà mill-2001, u għalhekk ma jopponix għat-talbiet ta' l-attriċi iżda ma għandux ibati spejjeż.

Fadal li nqisu, għalhekk, l-eċċezzjonijiet miġjuba fuq ta' Charles *sive* Carmel Borg.

L-ewwel eċċezzjoni tolqot it-titolu.

Min-nota ta' l-insinwa numru 7853 ta' l-2004 jidher illi fil-bejgħ bl-irkant miżmum taħt l-awtorità ta' din il-qorti fit-18 ta' Marzu 2004 il-proprjetà li dwarha saret il-kawża kienet liberata favur is-soċjetà attriċi. Ma nġiebet ebda prova ta' xi irregolarità fil-proċedura tal-bejgħ u, billi hemm il-presunzjoni illi l-proċeduri ġudizzjarji jitqiesu *rite et recte facta esse* sakemm ma jintweriex xort'oħra, l-oneru tal-prova ta' irregolarità qiegħed fuq min jallega li dak li sar ma sarx sew.

Din il-prova ma saritx u l-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

It-tieni eċċezzjoni hija eċċezzjoni ta' eskussjoni.

Din l-eċċezzjoni setgħet titressaq fl-atti tal-proċeduri għall-esekuzzjoni tal-kreditu, *i.e.* fl-atti tal-bejgħ *sub hasta*, u mhux fil-proċeduri tallum, li ma humiex proċeduri kontra kon-debituri għall-ħlas ta' dejn iżda proċeduri ta' żgumbrament. F'kull każ, il-konvenut ma mexiex kif irid l-art. 795 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili billi ma ippreżentax il-lista tal-beni li jrid dak l-artikolu, u għalhekk l-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa'.

Billi l-attriċi għandha titolu għall-pussess tal-proprjetà, it-talbiet tagħha sejrin jintlaqgħu billi l-qorti tordna l-iżgumbrament ta' dawk il-konvenuti li għandhom il-fond f'idejhom. Billi l-konvenut Nazzareno Borg ma għandux il-proprjetà f'idejh, u ma jivvanta ebda jedd jew titolu fuqha,

ma hijiex meħtieġa l-kundanna tiegħu wkoll u lanqas għandu jbati spejjeż.
Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tikkundanna lill-konvenuti Maria Grazia Borg u Charles *sive* Carmel Borg jiżgumbraw mill-fond *Grace House* fi Triq Mons. A. Buhagiar, ir-Rabat u jrodduh battâl lis-soċjetà attriċi fi żmien tliet xhur minn meta din is-sentenza ssir *res iudicata.*
L-ispejjeż kollha tal-kawża, ukoll dawk tal-konvenut Nazzareno Borg, għandhom iħallsuhom il-konvenuti Maria Grazia Borg u Charles *sive* Carmel Borg flimkien.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------